


# Is-Sette Giugno u P. Anastasju Cuschieri O.C.

**Giovanni Bonello**

*Ex Imħallef tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*

Mitt sena ilu, fl-irvellijiet popolari tas-7 u 8 ta' Ġunju 1919, illum magħrufa bħala s-Sette Giugno, kienu ħadu sehem saffi sħaħ tal-klassijiet Maltin: l-istudenti tal-università, l-ħaddiema tat-tarznari, il-professjonisti, il-politici, u fuq kollox, in-nies tat-triq. Kienu ġranet li spiċċaw b'vjolenza kerha, b'ħerba, sakkeġġi u mwiet ta' vittmi innoċenti. F'dan l-inkwiet imdemmi kontra l-ħakma kolonjali, is-saċerdoti u l-ordnijiet reliġjużi ma niżlux jipprotestaw fit-toroq, u din il-prudenza kienet tixraq u kienet mistennija. Imma nafu qalb ħafna minnhom fejn kienet tħabbat.

Ma għandna ebda tagħrif partikolari fuq il-patrijiet Karmelitani fis-Sette Giugno, u l-kunvent tal-Belt ma jissemma b'rabta ma ebda inċident marbut mal-irvellijiet. Il-vjolenza, il-qirda tal-ħajja u tal-proprjetà ma tgħoddx għar-reliġjużi, u jidher li ħadd minnhom ma ddakkar mir-rabja tal-poplu u mir-ribelljoni - jew naqas mill-virtujiet tal-karità u tal-manswetudini.

Dawk iż-żminijiet għad ma kienx hemm ebda projbizzjoni, ċivili jew kanonika, kontra l-attività politika tar-reliġjużi. Għall-kuntrarju, il-politika kienet meqjusa bħala dover ċiviku lejn art twelidek u kien mistenni li kulħadd, reliġjuż jew lajk, jagħti sehemu. Ħafna saċerdoti taw kontribut għall-governanza tal-pajjiż. Hekk Mons. Mikiel Gonzi, li wara sar Arċisqof, kien jimmilita fil-Partit Laburista u Mons. Enrico Dandria kien attiv fil-Partit Nazzjonalista, u anke sar ministru tal-gvern. Ir-Rev. Serafin Zarb O.P. kien jappoġġja fil-miftuħ il-Partit Stricklandjan imperjalista. Bosta saċerdoti oħra kienu jieħdu



**Ritratt ta' P. Anastasju Cuschieri f'żgħożitu Drittijiet Riżervati, Arch.Prov.Mel.Fond. Cuschieri/ritratti**

sehem mhux żgħir fil-ġlieda politika, imxerrdin fil-partiti kollha ta' qabel it-Tieni Gwerra.

L-Ordni Karmlitan ukoll kellu xi membri li kienu jikkontribwixxu sew għad-destin ta' art twelidhom u daħlu għall-politika. L-aktar wieħed prominenti li baqa' jissemma sal-lum kien il-Belti P. Anastasju Cuschieri, saċerdot eżemplari, poeta mill-ifjen, oratur brillanti, għalliem mirqum tal-filosofija fl-università u politiku patrijottiku.

Cuschieri twieled il-Belt Valletta fil-21 ta' Jannar 1876 u pprofessa Karmlitan fl-1891. Fil-bidu kien jikteb vrus u proża bit-Taljan, imma mbagħad qabditu ħerqa kbira għall-ilsien Malti u beda jippubblika poeżiji bil-Malti fl-1909, tliet snin qabel Dun Karm. Din l-għożża għall-Malti ma ttradiha qatt. Is-suġġetti favoriti tal-vrus tiegħu kienu mħabbtu għal art twelidu, lejn il-Madonna u għall-ilsien Malti. Kiteb ukoll poeżiji sempliċi u ħelwin bil-Malti għall-edukazzjoni taż-żgħażagħ.

Padre Cuschieri ġie deskritt bħala bniedem paradossali: ġentili u passjonali, ta' sempliċità ta' tifel, ta' umanità kbira.[1]

Għandna x-xhieda ta' wieħed mill-istudenti tiegħu x'kien isarraf P. Cuschieri bħala professur tal-filosofija fl-Università. Isimgħu x'jgħid fuqu Herbert Ganado fil-memorji brillanti tiegħu: "l-aktar professur li laqatni, wara Martinelli, kien il-Professur Cuschieri tal-filosofija. Kien dejjem jispjega ċar u konċiż. Imma, meta kien jkun bil-burdata tajba kien ikollu dawk li ssejħilhom 'voli pindariċi'. Konna niltaqgħu għall-filosofija, żewġ korsijiet tal-letteratura u tax-xjenza u meta l-Professur Cuschieri kien jaqbad sistema filosofiku li ma jaqbilx miegħu, kien jagħmlu frak, mhux bil-metodu ta' Patri Albert, imma bil-metodu ta' tnalja loġika li tagħfas u tagħfas. Ma kontx tisma' l-ħoss ta' labra taqa' f'dik il-klassi ta' sebgħin ruħ. Cuschieri kien wieħed mill-aqwa oraturi li kellna f'pajjżna, sew bit-Taljan u sew bil-Malti li kien jaf jimmaniġġa tajjeb, kif juru l-poeżiji tiegħu, imma kellu wkoll moħħ ċar li jaf jaqta' kwistjoni qisu xabla". [2]

Il-vokazzjoni politika tiegħu qabbditu t-triq tan-nazzjonaliżmu, tal-anti kolonjaliżmu u




**Bolla ta' għaxar ċenteżmi, li tikkommemora lill-Professur P. Anastasju Cuschieri O.C.**

r-reżistenza kontra l-imperjaliżmu. Kien jopponi l-indħil Ingliż imperjali biex f'Malta titkisser il-lingwa Taljana u favur il-libertajiet politiċi ta' parlament ħieles Malti. Bejn l-gwerer il-Parlament Malti kien maqsum f'żewġ kmamar: l-Assemblea Leġislattiva eletta mill-votanti, u s-Senat magħmul in parti mir-rappreżentanti tal-kategoriji differenti tas-soċjetà Maltija. Il-gradwati kienu jtellgħu żewġ senaturi. Fil-leġiżlatura tal-1927 il-professjonisti għażlu lil P. Anastasju Cuschieri u lil Professur Luigi Preziosi biex jirrappreżentawhom. Fil-leġiżlatura tal-1932 il-gradwati reġgħu għażlu l-istess żewġ Senaturi.

Fis-Senat, P. Cuschieri qeda dmiru kull meta l-okkażjoni kienet titlob. Għamel diskorsi profondi u elokwenti. Herbert Ganado kien iqisu wieħed mill-aqwa erba' kelliema li kellha Malta qabel l-gwerra.[3] Imma minkejja dan kollu, meta fl-2006 ħarġet l-istorja uffiċjali tal-Parlament Malti, P. Cuschieri anqas biss jissemma' darba![4] Fl-imrewħa politika huwa kien sod fil-fehmiet nazzjonalisti tiegħu u fl-oppożizzjoni għall-kolonjaliżmu u ta' dawk il-Maltin servili li kienu

jissodawh. Jgħidu iżda li meta kiber fl-età, P. Cuschieri sar aktar diżilluż mill-politiċi. Biex ma ngħidux aktar ċiniku. Meta faqqgħet it-Tieni Gwerra, is-servizzi sigrieti Ingliżi arrestaw s-saċerdoti Mons. Albert Pantalleresco u d-Dumnikan P. Geraldu Paris. Jingħad li fl-istess żminijiet P. Cuschieri ġie mkeċċi minn Professur l-Università, u miżmum internat fil-kunvent tal-Belt mill-Ingliżi.[5] Imma dan huwa miċħud minn sorsi oħra.[6]

Għalkemm P. Cuschieri kien favur il-kultura tradizzjonali Taljana ta' Malta u kontra l-isforzi tal-Ingliżi u tal-Maltin imperjalisti biex jeqirduha, huwa politikament ma jidhirx li kellu simpatija mat-Taljani. Kien jgħożż il-kultura Taljana għax kien jaraha bħala ħaġa waħda mal-kultura Maltija.[7]

S'issa għadu ma sar ebda studju fuq il-kontribut li taw s-sacerdoti Maltin għall-iżvilupp politiku tal-poplu Malti fis-sekli dsatax u għoxrin. Xierqa li jsir, għax hemm ħafna x'titgħallem minnu.

Aktarx li P. Cuschieri ma kienx minn ta' quddiem fil-ġrajjiet vjolenti tas-Sette Giugno, imma ismu huma marbut mal-ġieħ li Malta, wara dik it-traġedja nazzjonali, tat lill-vittmi tal-ġranet l-aktar imdemmija minn meta l-Maltin qamu kontra l-Franċiżi ta' Napuljun fl-1798. Biex il-martri li ħallew ħajjithom għal art twelidhom ma jintesewx, ġie deċiż li ġisimhom jinqala' minn fejn kienu midfunin, u jerġgħu jindifnu flimkien f'qabar wieħed taħt monument xieraq fiċ-ċimiterju tal-Addolorata. Sar kumitat għal dan il-għan, biex jiġbor l-ispejjeż meħtieġa, u jieħu ħsieb il-binja tal-monument. Missieri Vincenzo li kien meqjus espert fl-arti, kellu sehem fl-għażla tad-disinji u tal-iskultur. Saret diskussjoni dwar tliet proposti, dik ta' Ruggiero Calì, ta' Beniamino Sultana u tal-pittur Ġanni Vella, għalkemm Gio Maria Bajjada wkoll talab li jiġi kkunsidrat. Missieri kien favur li jintgħażel id-disinn ta' Vella, kif fil-fatt sar.

Dak iż-żmien Malta kien hawn skultur magħruf Russu, Boris Edwards, maħrub mal-aristokratiċi Russi mir-rivoluzzjoni Komunista. Ukoll fuq parir ta' missieri, il-kumitat ta x-xogħol biex id-disinn ta' Vella jinqaleb fi skultura tal-bronz u tal-qawwi, lil Boris Edwards. Dan spiċċa għamel biċċa xogħol mill-aqwa, li illum għadha tiġbed l-attenzjoni fl-Addolorata. Edwards miet Malta qabel il-monument ġie inawgurat, u ried li x-xhieda tat-testment tiegħu ikunu missieri u ħuħ, iz-ziju tiegħi Domenico (Kekinu).

Id-data tal-kxif tal-monument tal-martri tas-Sette Giugno ġiet imħabbra: 8 ta' Ġunju 1925, u ġew imqabda biex jagħmlu d-diskorsi P. Anastasju Cuschieri, bil-Malti, u t-Tabib Andrea Pullicino, bit-Taljan. Fl-Addolorata nġabret folla mdaqqsa ta' nies. Imma qiesu ġara xi ħaġa mhux ċara. Ebda gazzetta ma avżat dan l-avveniment bil-quddiem, u jekk wieħed jifli sew ir-ritratti tal-folla, ebda politiku prominenti ma jidher li attenda għal din l-inawgurazzjoni. U sa fejn stajt nikkontrolla, ebda gazzetta ħlief il-MALTA Nazzjonalista ma rrapurtat il-kxif tal-monument tal-martri tas-Sette Giugno. U l-MALTA semmietu, imma ma tagħtu prominenza xejn: kwart ta' kolonna fit-tieni faċċata. Ġabet id-diskors qasir tat-tabib Pullicino, u lil Profs Cuschieri, mhux biss ma ġabitlux id-diskors, imma anqas biss semmietu.[8] Għaliex dan is-silenzju kollu, dan in-nuqqas ovvju ta' rikonoxximent? X'kien ġara? L-editur tal-MALTA kien Nerik Mizzi, li kien ukoll l-president tal-kumitat li organizza l-bini tal-monument. Għaliex il-gazzetta tiegħu, u l-gazzetti l-oħrajn kollha, ma taw ebda pubbliċità lil din il-ġrajja tassew storika?




**L-inawgurazzjoni tal-monument għall-mejtin tas-Sette Giugno fiċ-ċimiterju tal-Addolorata, fit-8 ta' Ġunju 1925. P. Anastasju Cuschieri jidher qed jagħmel id-diskors. Hdejh il-kelliem l-ieħor, Dr Andrea Pullicino.**

X'qal P. Cuschieri biex jikkommemora s-Sette Giugno u l-mejtin tiegħu, ma nafux, u aktarx ma nkunu nafuh qatt. Jingħad li l-unika kopja ta' dak d-diskors, miktuba bl-idejn, intilfet f'xi għargħar, m'ilux wisq.

P. Anastasju Cuschieri miet fil-25 ta' Lulju 1962, lejliet l-mewt ta' San Ġorġ Preca.

© Giovanni Bonello, 2019



**P. Anastasju Cuschieri, presente catavere qabel il-funeral fis-Santwarju l-antik**

## Referenzi


[1] Charlò Camilleri, "Poet and Carmelite by vocation" fil-*The Malta Independent on Sunday*, Lulju 29, 2012, p. 24
[2] Herbert Ganado, *Rajt Malta Tinbidel*, Vol. 1, Malta, 1974, p. 297.
[3] Ganado, *ibid*, p. 360.
[4] Godfrey A. Pirotta, *Malta's Parliament, An Official History*, Malta, 2006.
[5] Mark F. Montebello, *Ktieb il-Filosofija f'Malta*, Malta, 2001, p. 103.
[6] Charlò Camilleri, Toni Cortis, *P. Anastasju Cuschieri, Kitbiet Migbura*, Vol. 1, Malta 2013, p. 15.
[7] Camilleri u Cortis, *op. cit.*, pp. 14 – 15.
[8] Malta, 9 ta' Ġunju 1925, p. 2.



